SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

5 ta' Ġunju 2014*

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Suq intern tal-enerġija — Trasport tal-gass — Regolament (KE) Nru 715/2009 — Artikoli 14(1) u 16(1) u (2)(b) — Obbligu li tiġi żgurata kapaċità massima — Kapaċità virtwali ta' trażmissjoni tal-gass fis-sens oppost — Ammissibbiltà"

Fil-Kawża C-198/12,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fis-26 ta' April 2012,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn K. Herrmann, S. Petrova u O. Beynet, kif ukoll minn T. Scharf, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika tal-Bulgarija, irrappreżentata minn D. Drambozova u E. Petranova, kif ukoll minn Y. Atanasov, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, E. Juhász, A. Rosas, D. Šváby u C. Vajda (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Settembru 2013,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2013,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata li, billi ma pprovdietx servizzi ta' trażmissjoni virtwali fis-sens oppost lill-parteċipanti kollha fis-suq, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset mill-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 14(1) u 16(1) u (2)(b) tar-Regolament Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, p. 36).

Il-kuntest ġuridiku

2 Il-proċedura ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni kontra r-Repubblika tal-Bulgarija kienet inizjalment ibbażata fuq l-Artikoli 4(1) u 5(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Settembru 2005, dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (ĠU L 289, p. 1), liema regolament ġie abrogat matul il-proċedura prekontenzjuża bir-Regolament Nru 715/2009 mit-3 ta' Marzu 2011. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew issostitwiti mill-Artikoli 14(1) u 16(1) u (2) tar-Regolament Nru 715/2009.

3 L-Artikolu 1 ta' dan l-aħħar regolament, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", issostitwixxa l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1775/2005. L-ewwel subparagrafu (a) tar-Regolament Nru 715/2009 jipprovdi:

"Dan ir-Regolament jimmira li:

a) jiffissa regoli nondiskriminatorji għall-kondizzjonijiet ta' aċċess għas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass naturali, b'kont meħud tal-karatteristiċi speċjali tas-swieq nazzjonali u reġjonali bl-għan li jiġi żgurat il-funzjonament adatt tas-suq intern tal-gass."

4 L-Artikolu 2 ta' dan l-aħħar regolament huwa intitolat "Definizzjonijiet". L-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament, li ssostitwixxa l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1775/2006 huwa fformulat kif ġej:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

1) 'trażmissjoni' tfisser it-trasport ta' gass naturali permezz ta' network, li prinċipalment fih pipelines bi pressjoni għolja, għajr network ta' pipeline upstream u għajr il-parti ta' pipelines bi pressjoni għolja użati primarjament fil-kuntest ta' distribuzzjoni lokali ta' gass naturali, bil-ħsieb tal-provvista tiegħu lill-klijenti, imma mhux inkluż il-provvista;

[...]

3) 'kapaċità' tfisser il-fluss massimu, espress f'metri kubiċi normali għal kull unità ta' ħin jew f'unità ta' enerġija għal kull unità ta' ħin, li hu intitolat għalih l-utent tan-network taħt id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' trasport;

[...]

5) 'amministrazzjoni tal-konġestjoni' tfisser amministrazzjoni tal-portafoll tal-kapaċità tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni bil-ħsieb tal-użu ottimali u massimu tal-kapaċità teknika u l-iskoperta fil-ħin ta' punti ta' konġestjoni u saturazzjoni ġejjinin [fil-futur];

[...]

7) ‘nominazzjoni’ tfisser ir-rappurtar minn qabel mill-utent tan-network lill-operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni tal-fluss attwali li huwa jixtieq jinjetta fi jew jiġbed mis-sistema;

[...]

9) ‘integrità tas-sistema’ tfisser kwalunkwe sitwazzjoni fir-rigward ta’ network ta’ trażmissjoni li tinkludi faċilitajiet meħtiġin ta’ trażmissjoni li fihom il-pressjoni u l-kwalità tal-gass naturali jibqgħu fil-limiti minimi u massimi stabbiliti mill-operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni, biex hekk it-trażmissjoni ta’ gass naturali hija garantita mil-lat tekniku;

[...]

18) ‘kapaċità teknika’ tfisser il-kapaċità kostanti massima li l-operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni jista’ joffri lill-utenti tan-network, b’kont meħud tal-integrità tas-sistema u tar-rekwiżiti operattivi tan-network ta’ trażmissjoni;

[...]

20) ‘kapaċità disponibbli’ tfisser il-parti mill-kapaċità teknika li mhijiex allokata u għadha disponibbli għas-sistema f’dak il-mument;

21) ‘konġestjoni kuntrattwali’ tfisser sitwazzjoni fejn il-livell ta’ domanda għal kapaċità kostanti jeċċedi l-kapaċità teknika;

[...]

23) ‘konġestjoni fiżika’ tfisser sitwazzjoni fejn il-livell ta’ domanda għal kunsinni preżenti f’xi ħin partikolari jeċċedi l-kapaċità teknika;”

5 L-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 715/2009 huwa intitolat “Aċċess lill-partijiet terzi għal servizzi tal-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni”. L-Artikolu 14(1) ta’ dan ir-regolament, li ssostitwixxa l-Arrtikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1775/2005, jipprovdi:

“L-operaturi tas-sistema ta’ trażmissjoni għandhom:

(a) jiżguraw li joffru servizzi fuq bażi nondiskriminatorja lill-utenti kollha tan-network;

(b) jipprovdu kemm servizzi ta’ aċċess għal partijiet terzi li jkunu sodi u mingħajr interruzzjoni [li jistgħu jiġi interrotti]. Il-prezz tal-kapaċità li tista’ tiġi interrotta għandu jirrifletti l-probabbiltà ta’ interuzzjoni; u

(c) joffru lill-utenti tan-network servizzi kemm għal perijodu fit-tul kif ukoll għal perijodu qasir.

Fir-rigward tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, fejn operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni joffri l-istess servizz lil klijenti differenti, huwa għandu jagħmel dan taħt termini u kondizzjonijiet kuntrattwali ekwivalenti, jew billi juża kuntratti ta’ trasport armonizzati jew kodiċi komuni tan-netwerk approvati mill-awtorità kompetenti konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/73/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, p. 94)].”

6 L-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 715/2009 huwa intitolat "Prinċipji tal-mekkaniżmi ta' allokazzjoni ta' kapaċità u proċeduri għall-amministrazzjoni ta' konġestjoni li jikkonċernaw l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni". L-Artikolu 16(1) u (2) ta' dan ir-regolament, li ssostitwixxa l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament Nru 1775/2005, jipprovdi li:

"1. Il-kapaċità massima fil-punti kollha rilevanti msemmija fl-Artikolu 18(3) għandha tkun disponibbli għall-parteċipanti tas-suq, filwaqt li titqis l-integrità tas-sistema u l-operazzjoni effiċjenti tan-network.

2. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jimplimentaw u jippubblikaw mekkaniżmi ta' allokazzjoni tal-kapaċità li huma trasparenti u nondiskriminatorji, li għandhom:

(a) jipprovdu sinjali ekonomiċi adattati għall-użu effiċjenti u massimu tal-kapaċità teknika, jiffaċilitaw l-investiment f'infrastruttura ġdida u jiffaċilitaw il-kummerċ transkonfinali fil-gass naturali;

(b) ikunu kompatibbli mal-mekkaniżmu tas-suq, inklużi s-swieq ta' forniment immedjat u ċ-ċentri tal-kummerċ, filwaqt li jkunu flessibbli u kapaċi li jadattaw ruħhom għall-evoluzzjoni taċ-ċirkustanzi fis-suq;

(c) ikunu kompatibbli mas-sistemi ta' aċċess għan-networks tal-Istati Membri."

Il-proċedura prekontenzjuża

7 Fis-26 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika tal-Bulgarija, li fiha hija argumentat *inter alia* li dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament Nru 1775/2005, li ġew issostitwiti bl-Artikoli 14(1) u 16(1) u (2)(b) tar-Regolament Nru 715/2009.

8 Peress li qieset li r-risposta mogħtija mir-Repubblika tal-Bulgarija f'ittra tas-26 ta' Awwissu 2009 ma kinitx sodisfaċenti, fit-28 ta' Ġunju 2010 l-Kummissjoni indirizzatilha opinjoni motivata. Ir-Repubblika tal-Bulgarija rrispondiet għal din l-opinjoni motivata fis-27 ta' Awwissu 2010 u pprovdiet informazzjoni komplementari lill-Kummissjoni permezz ta' diversi ittri bid-dati tal-24 ta' Awwissu 2011, tat-28 ta' Diċembru 2011 u tad-19 ta' Jannar 2012.

9 Peress li l-elementi ta' tweġiba b'hekk fornuti ma kinux sodisfaċenti, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rikors preżenti.

Fuq ir-rikors

Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors

L-argumenti tal-partijiet

10 Qabel kollox, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li r-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni huwa inammissibbli minħabba nuqqas ta' qbil bejn il-motivi tal-opinjoni motivata u dawk tar-rikors.

11 Ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li l-ittra ta' intimazzjoni u l-opinjoni motivata jsemmu ħafna drabi l-obbligu li jiġu pprovduti servizzi ta' "trasport fis-sens oppost bħala parti minn sistema li tinterrompi l-provvista", li jista' jkopri biss it-trażmissjoni fiżika tal-gass fid-direzzjoni opposta. Issa, fl-opinjoni motivata tagħha, il-Kummissjoni kienet sostniet li l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1775/2005

jimponi obbligu li tiġi żgurata kapaċità fiżika għat-trażmissjoni tal-gass fiż-żewġ direzzjonijiet, jew, fejn tali possibbiltà teknika ma teżistix, kapaċità fiżika tat-trażmissjoni fid-direzzjoni prinċipali u kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost.

12 Ir-Repubblika tal-Bulgarija tosserva wkoll li l-Kummissjoni tirreferi, fil-korp tar-rikors, għal obbligu usa' li għandha tkun disponibbli kapaċità ta' trażmissjoni fis-sens oppost, kemm jekk jew din il-kapaċità tkun fiżika jew virtwali. Issa, il-Kummissjoni, fil-*petitum* tar-rikors, irreferiet biss għall-provvista ta' servizzi ta' trażmissjoni virtwali fis-sens oppost.

13 Ir-Repubblika tal-Bulgarija tqis li, minħabba dawn l-inkonsistenzi, hija ma setgħetx tidentifika n-nuqqas ta' twettiq li għaliha ġiet kkritikata, lanqas li ssostni b'mod utli l-motivi tagħha ta' difiża kontra l-ilmenti mqajma mill-Kumissjoni, b'tali mod li dan ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

14 Il-Kummissjoni ssostni li l-opinjoni motivata kienet tirrigwarda s-servizzi ta' trażmissjoni, kemm fiżiċi kif ukoll virtwali, peress li l-provvista ta' dawn iż-żewġ tipi ta' servizzi ta' trażmissjoni kienet ikkunsidrata bħala li tirriżulta mill-obbligu li għandu l-operatur ta' netwerk ta' trażmissjoni tal-gass li għandha tkun disponibbli għall-parteċipanti fis-suq kapaċità massima fin-netwerk tagħhom, li jirriżulta espressament imsemmi mill-opinjoni motivata. Essenzjalment, il-Kummissjoni kienet indikat diversi drabi, kemm fl-opinjoni motivata kif ukoll fl-ittra ta' intimazzjoni, li t-trażmissjoni virtwali fid-direzzjoni opposta tissodisfa r-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 14(1) u 16(1) u 2(b) tar-Regolament Nru 715/2009 fil-każ ta' impossibbiltà għall-amministratur tan-netwerk li jwettaq trażmissjoni fiżika fid-direzzjoni opposta.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

15 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-ittra ta' intimazzjoni indirizzata mill-Kummissjoni lill-Istat Membru kkonċernat kif ukoll l-opinjoni motivata maħruġa minnha jiddelimitaw is-suġġett tal-kawża li, għaldaqstant, ma jistax jiġi estiż iktar. Konsegwentement, l-opinjoni motivata u r-rikors għandhom ikunu bbażati fuq ilmenti identiċi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-191/95, EU:C:1998:441, punt 55, u Il-Kummissjoni vs Spanja, C-67/12, EU:C:2014:5, punt 52).

16 Madankollu, dan ir-rekwiżit ma jistax jiġi estiż b'tali mod li jimponi, f'kull każ, koinċidenza perfetta bejn it-terminoloġija tal-ilmenti fl-ittra ta' intimazzjoni, id-dispożittiv tal-opinjoni motivata u t-talbiet tar-rikors, peress li s-suġġett tal-kawża, kif iddefinit fl-opinjoni motivata, ma ġiex estiż jew imbiddel, iża, għall-kuntrarju, sempliċiment ristrett (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, EU:C:1998:441, punt 56; u Il-Kummissjoni vs Spanja, EU:C:2014:5, punt 53).

17 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, f'din il-kawża, il-Kummissjoni ma estendietx is-suġġett tal-kawża kif iddefinit fl-ittra ta' intimazzjoni, iżda llimitatu għall-obbligu li jiġu pprovduti servizzi ta' trażmissjoni virtwali fis-sens oppost. Fil-fatt, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 28 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni rreferiet għall-eżistenza ta' obbligu li tiġi pprovduta kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fl-ittra ta' intimazzjoni, fl-opinjoni motivata u fir-rikors.

18 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-mertu

L-argumenti tal-partijiet

19 Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-Repubblika tal-Bulgarija naqselt li twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 14(1) u 16(1) u (2) tar-Regolament Nru 715/2009, peress li Bulgartransgaz EAD, operatur tan-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass, ma tipprovdix kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost f'kull punt ta' dħul u ħruġ fl-imsemmi netwerk, jiġifieri f'Negru Voda, punt fejn tingħaqad mas-sistema Rumena, u f'Sidirokastron, punt fejn tingħaqad man-netwerk Grieg.

20 Mit-termini tar-rikors tal-Kummissjoni jirriżulta li kapaċità virtwali ta' trażmissjoni tal-gass ta' netwerk tirriżulta mill-kumpens għall-operatur ta' dan in-netwerk għal talbiet ta' trażmissjoni tal-gass f'direzzjonijiet opposti. Dan il-mekkaniżmu ta' kumpens jippermetti li tiġi pprovduta, flimkien mal-kapaċità fiżika ta' trażmissjoni, kapaċità "virtwali" ta' trażmissjoni tal-gass, fis-sens li l-volumi tal-gass ikkunsidrati ma jgħaddux fiżikament ġon-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass.

21 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ssostni li, billi ma pprovdietx servizzi ta' trażmissjoni virtwali fis-sens oppost għall-punti transkonfinali rilevanti tan-netwerk tagħha ta' trażmissjoni tal-gass, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha li l-parteċipanti fis-suq għandhom ikollhom disponibbli l-kapaċità massima tan-netwerk tagħha skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 715/2009, moqri flimkien mal-obbligu li tipprovdi servizzi lill-utenti kollha tan-netwerk b'mod mhux diskriminatorju, stabbilit fl-Artikolu 14(1)(a) ta' dan ir-regolament, u bl-obbligu li tipprovdi lit-terzi servizzi ta' aċċess li jkunu sodi kif ukoll li jistgħu jiġu interrotti, stabbilit fl-Artikolu 14(1)(b) tal-imsemmi regolament.

22 Il-Kummissjoni tosserva li xi sistemi ta' pipelines joffru kapaċitajiet ta' trażmissjoni fiżika tal-gass fiż-żewġ sensi, hekk li l-utenti tan-netwerk ikollhom aċċess għal servizzi ta' trażmissjoni fiżika fid-direzzjoni opposta. Dawn is-sistemi għandhom kapaċità fiżika bidirezzjonali. Għall-kuntrarju, sistemi ta' pipelines oħrajn, bħal dawk implementati mir-Repubblika tal-Bulgarija, jippermettu t-trażmissjoni fiżiku tal-gass f'direzzjoni waħda biss u għalhekk joffru kapaċità fiżika unidirezzjonali. Issa, f'dan l-aħħar każ, l-obbligu li tkun diponibbli l-kapaċità massima tan-netwerk skont l-Artikolu 16(1) tal-imsemmi regolament jimplika obbligu li jkunu pprovduti servizzi ta' trażmissjoni virtwali fis-sens oppost.

23 Fil-fatt, skont il-Kummissjoni, il-provvista ta' kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost tippermetti li tiżdied il-kapaċità tan-netwerk. B'hekk, li tkun disponibbli kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost tegħleb mhux biss l-assenza ta' kapaċità ta' trażmissjoni fis-sens oppost tal-pipeline, iżda wkoll iżżid il-kapaċità ta' trażmissjoni fis-sens prinċipali sakemm it-talbiet ta' trażmissjoni fis-sens prinċipali jiġu kkumpensati minn talbiet ta' trażmissjoni fis-sens oppost.

24 Skont il-Kummissjoni, interpretazzjoni tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 715/2009 fis-sens li dan jimponi obbligu li għandha tkun disponibbli lill-parteċipanti fis-suq ta' kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost hija kkonfermata mill-Artikolu 14(1)(b) ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li tali kapaċità virtwali għandha tkun ipprovduta bħala parti minn arranġament li jista' jiġi interrott u li l-Artikolu 14(1)(b) tal-imsemmi regolament Nru 715/2009 jobbliga lill-operaturi ta' netwerk ta' trażmissjoni li jipprovdu servizzi li jkunu sodi kif ukoll li jistgħu jiġu interrotti.

25 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni li l-obbligu li tiġi stabbilita kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost jirriżulta mir-rekwiżit li jkun hemm "operazzjoni effiċjenti" tan-netwerk, li huwa wkoll previst fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 715/2009. Din il-kapaċità tippermetti fil-fatt li tiżdied

il-provvista ta' servizzi ta' trażmissjoni tal-gass mingħajr spejjeż addizzjonali, filwaqt li l-akkwist ta' kapaċità fiżika ta' trażmissjoni fis-sens oppost jimplika investimenti qawwija fl-infrastruttura u fl-użu tal-gass ta' kombustjoni sabiex issir din it-trażmissjoni.

26 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni ssostni li l-obbligu li tiġi pprovduta kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost jirriżulta wkoll mill-obbligu li jkunu allokati l-kapaċitajiet tan-netwerk mill-mekkaniżmi tas-suq, skont l-Artikolu 16(2)(b) tal-imsemmi regolament. F'dan ir-rigward, id-deċiżjoni li jkun hemm limitu għall-kapaċitajiet fiżiċi ta' trażmissjoni tal-pipelines tnaqqas drastikament il-provvista tat-trażmissjoni tal-gass fi ħdan tal-Unjoni Ewropea, tfixkel b'mod sinjifikattiv il-likwidità tal-iskambji tal-gass bejn ċentri ta' skambju u għandha r-riskju li toħloq differenzi sinjifikattivi fil-prezzijiet fi ħdan l-Unjoni.

27 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe interpretazzjoni tal-istess regolament fis-sens li din tal-aħħar ma timponix l-obbligu li tiġi pprovduta kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost tmur kontra l-għanijiet tar-Regolament Nru 715/2009, kif jirriżultaw mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, li tkun disponibbli tali kapaċità virtwali tikkostitwixxi kundizzjoni indispensabbli kemm għall-iżvilupp tas-suq tal-gass naturali likwidu kif ukoll għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-gass naturali.

28 Ir-Repubblika tal-Bulgarija tikkontesta l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni li d-dispożizzjonijiet tal-istess regolament jimplikaw obbligu li tiġi pprovduta kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost għal kull punt ta' dħul u ta' ħruġ tan-netwerk tagħha.

29 L-ewwel nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija tirrileva li interpretazzjoni litterali tal-formulazzjoni tal-Artikolu 14(1) u 16(1) u (2) tar-regolament ma tippermettix li jiġi konkluż li jeżisti obbligu li jkunu disponibbli kapaċitajiet bidirezzjonali fin-netwerks tal-gass.

30 It-tieni nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni hija inkonsistenti mal-istruttura tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament. B'hekk, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni tal-kunċett ta' "kapaċità massima" fis-sens li dan ikopri l-kapaċità virtwali ta' trażmissjoni, titbiegħed mid-definizzjonijiet tal-kunċetti ta' "trażmissjoni", "kapaċità", "amministrazzjoni tal-konġestjoni", "nominazzjoni", "kapaċità teknika", "kapaċità disponibbli", "konġestjoni kuntrattwali" u "konġestjoni fiżika", li jinsabu fl-Artikolu 2(1) tal-istess regolament, kunċetti li huma intiżi għall-kapaċità fiżika ta' trażmissjoni tan-netwerk tal-gass.

31 It-tielet nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija sssotni li interpretazzjoni storika tar-Regolament Nru 715/2009 twassal għall-istess konklużjoni. Min-naħa waħda, la x-xogħlijiet preparatorji tar-Regolament Nru 1775/2005 u lanqas dawk tar-Regolament Nru 715/2009 ma jagħtu indikazzjoni li ssostni l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni favur obbligu li tkun ipprovduta kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost.

32 Min-naħa l-oħra, ir-Repubblika tal-Bulgarija ssostni li l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE (ĠU L 295, p. 1) jobbligaw lill-Istati Membri jistabbilixxu kapaċità fiżika bidirezzjonali fuq l-interkonnetturi transkonfinali kollha bejn l-Istati Membri, fl-iqsar terminu possibbli u mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2013. Konsegwentement, kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jimponi obbligu simili bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 715/2009, huwa kien jagħmel dan b'mod espliċitu kif għamel meta adotta l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Nru 994/2010.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

33 Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikoli 14(1) u 16(1) u (2)(b) ta' dan ir-regolament jistabbilixxu obbligu li tiġi pprovduta kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost tal-gass. Huwa meħtieġ li jiġi vverifikat jekk dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxux tali obbligu.

34 Għandu jiġi kkonstatat li ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma jistabbilixxu b'mod espliċitu obbligu li tiġi pprovduta kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost tal-gass.

35 Il-Kummissjoni ssostni, madankollu, li tali obbligu jirriżulta b'mod impliċitu mill-imsemmija dispożizzjonijiet. F'dan ir-rigward, għandha titfakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li kif qal l-Avukat Ġenerali fil-punt 46 tal-konklużjonijiet tiegħu, fid-dawl tal-formulazzjoni ċara u preċiża ta' dispożizzjonijiet ta' att leġiżlattiv tal-Unjoni, ma tistax tingħata interpretazzjoni li tkun intiża sabiex jiġu kkoreġuti dawn id-dispożizzjonijiet u sabiex b'hekk jiġu estiżi l-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, EU:C:2010:429, punt 51).

36 Fl-ewwel lok, skont it-termini stess tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 715/2009, l-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni għandhom jiżguraw li jipprovdu lill-utenti kollha tan-netwerk is-servizz tagħhom fuq bażi nondiskriminatorja, kemm għal perijodu fit-tul kif ukoll għal perijodu fil-qasir, u lit-terzi servizzi ta' aċċess kemm sodi u li jistgħu jiġu interrotti.

37 Issa, ma jistax jiġi dedott minn din id-dispożizzjoni obbligu li tiġi pprovduta kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost tal-gass. B'mod partikolari, kif ġustament irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 40 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-obbligu li jiġu pprovduti servizzi li huma kemm sodi kif ukoll li jistgħu jiġi interrotti, li tirriżulta mill-imsemmija dispożizzjoni, ma jimplikax li l-operaturi ta' netwerk ta' trażmissjoni jkollhom l-obbligu li jipprovdu kwalunkwe servizz interrott, u b'mod iktar partikolari, kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost. Barra minn hekk, l-obbligu ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 14(1)(a) tal-imsemmi regolament jobbliga lil dawn l-operaturi mhux li joffru servizzi ġodda, iżda li dawn jibqgħu lura minn kwalunkwe diskriminazzjoni fil-provvista tas-servizzi eżistenti tagħhom.

38 Fit-tieni lok, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 715/2009 jipprovdi li l-kapaċità massima fil-punti kollha rilevanti msemmija fl-Artikolu 18(3) ta' dan ir-regolament għandha tkun disponibbli għall-parteċipanti kollha fis-suq, filwaqt li titqies l-integrità tas-sistema u l-operazzjoni effiċjenti tan-netwerk.

39 F'dan ir-rigward il-kunċett ta' "kapaċità" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(1)(3) tal-imsemmi regolament bħala "il-fluss massimu, espress f'metri kubiċi normali għal kull unità ta' ħin jew f'unità ta' enerġija għal kull unità ta' ħin, li hu intitolat għalih l-utent tan-network taħt id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' trasport".

40 Il-kunċett ta' "trażmissjoni" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(1)(1) tal-imsemmi regolament bħala "it-trasport ta' gass naturali permezz ta' network, li prinċipalment fih pipelines bi pressjoni għolja, għajr network ta' pipeline upstream u għajr il-parti ta' pipelines bi pressjoni għolja użati primarjament fil-kuntest ta' distribuzzjoni lokali ta' gass naturali, bil-ħsieb tal-provvista tiegħu lill-klijenti, imma mhux inkluż il-provvista".

41 Fid-dawl ta' dawn id-definizzjonijiet, il-kunċett ta' "kapaċità", fis-sens tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 715/2009 jindika l-kapaċità fiżika ta' trażmissjoni ta' netwerks ta' trażmissjoni tal-gass. Barra minn hekk, minn l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 715/2009 li fiha t-terminu "kapaċità" huwa użat ma jirriżulta li dan it-terminu jista' jkopri servizzi virtwali ta' trażmissjoni.

42 Konsegwentement, u kif irrilevaw ir-Repubblika tal-Bulgarija u l-Avukat Ġenerali fil-punt 34 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kunċett ta' "kapaċità massima" li hemm fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 715/2009 jirreferi biss għall-kapaċità fiżika ta' trażmissjoni ta' netwerks ta' trażmissjoni tal-gass, bl-esklużjoni ta' kapaċità virtwali eventwali ta' trażmissjoni pprovduta mill-operatur tan-netwerk ta' trażmissjoni.

43 Din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi kontradetta bl-obbligu li għandhom l-operaturi ta' netwerk fl-Artikolu 16(1) tal-imsemmi regolament li "titqis [...] l-operazzjoni effiċjenti tan-network" jagħtu lill-parteċipanti tas-suq li tkun disponibbi kapaċità massima ta' trażmissjoni.

44 Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata wkoll mill-obbligu l-ieħor, stabbilit fl-Artikolu 16(1) tal-istess regolament, li "titqis l-integrità tas-sistema".

45 Il-kunċett ta' "integrità tas-sistema" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(1)(9) tal-imsemmi regolament bħala "sitwazzjoni fir-rigward ta' network ta' trażmissjoni li tinkludi faċilitajiet meħtiġin ta' trażmissjoni li fihom il-pressjoni u l-kwalità ta' gass naturali jibqgħu fil-limiti minimi u massimi stabbiliti mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, biex hekk it-trażmissjoni ta' gass naturali hija garantita mil-lat tekniku".

46 Issa, kif jirriżulta mill-punti 22 u 23 ta' din is-sentenza, il-provvista ta' kapaċità virtwali ta' trażmissjoni tal-gass tirriżulta minn mekkaniżmu ta' kumpens ta' talbiet tal-gass li ma jinvolvix l-użu fiżiku tan-netwerk ta' trażmissjoni u li ma huwiex tali, għaldaqstant, li jipperikola l-integrità tas-sistema fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

47 Konsegwentement, l-obbligu li "titqis l-integrità tas-sistema" fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 715/2009 jirreferi wkoll għall-kapaċità fiżika ta' trażmissjoni ta' netwerks ta' trażmissjoni tal-gass. Dan l-obbligu għaldaqstant ma jimponix fuq l-operatur tan-netwerk ta' trażmissjoni li jipprovdi kwalunkwe kapaċità virtwali ta' trażmissjoni.

48 Mill-premess jirriżulta li l-Artikolu 16(1) ta' dan ir-regolament jirrigwarda biss il-kapaċità fiżika ta' trażmissjoni ta' netwerks tat-trażmissjoni tal-gass, hekk li ma jistax jiġi dedott minn din id-dispożizzjoni obbligu li tiġi pprovduta kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost tal-gass.

49 Fit-tielet lok, skont l-Artikolu 16(2)(b) tal-imsemmi regolament, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jimplementa u jippubblika mekkaniżmi ta' allokazzjoni tal-kapaċità li huma trasparenti u nondiskriminatorji, li għandhom ikunu kompatibbli mal-mekkaniżmu tas-suq, inklużi s-swieq ta' forniment immedjat u ċ-ċentri tal-kummerċ, filwaqt li jkunu flessibbli u kapaċi li jadattaw ruħhom għall-evoluzzjoni taċ-ċirkustanzi fis-suq.

50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni tirregola l-mekkaniżmi ta' allokazzjoni tal-kapaċitajiet li għandhom ikunu disponibbli lill-parteċipanti fis-suq mill-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 715/2009. Għaldaqstant, l-Artikolu 16(2)(b) ta' dan ir-regolament ma jistax jiġi interpretat bħala li jimponi obbligu li għandha tkun disponibbli kapaċità li tmur lil hinn mill-obbligu stabbilit fl-Artikolu 16(1) tal-imsemmi regolament. Issa, peress li ġie stabbilit fil-punt 48 ta' din is-sentenza li l-Artikolu 16(1) tal-istess regolament ma jimponix fuq l-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni obbligu li għandha tkun disponibbli għall-parteċipanti fis-suq kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost tal-gass, l-Artikolu 16(2)(b) ma jistax jiġi interpretat bħala li jipprevedi tali obbligu.

51 Din l-interpretazzjoni tal-formulazzjoni u tal-istruttura tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14(1) u 16(1) u (2)(b) tar-Regolament Nru 715/2009 hija kkonfermata mix-xogħlijiet preparatorji tar-Regolamenti Nru 1775/2005 u 715/2009. Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 42 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn ix-xogħlijiet preparatorji tar-Regolament Nru 1775/2005 ma jsemmux l-eżistenza ta' obbligu li

tiġi pprovduta kapaċità virtwali ta' trasport fis-sens oppost tal-gass. Minn dan jirriżulta li tali obbligu ma jistax jiġi dedott la mill-għanijiet tar-Regolament Nru 1775/2005, u lanqas minn dawk tar-Regolament Nru 715/2009.

52 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14(1) u 16(1) u (2)(b) tar-Regolament Nru 715/2009 ma jistabbilixxux obbligu li tiġi pprovduta kapaċità virtwali ta' trażmissjoni fis-sens oppost tal-gass.

53 Għalhekk, ir-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

54 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitluba mir-Repubblika tal-Bulgarija.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem